

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed. Skont dan l-uniku motiv, il-Kummissjoni illegalment ċaħdet it-talba tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni Franċiża intiża li jintbagħtu l-ħmistax-il dokument mitlub u għalhekk kisret l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(3) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali tad-difiża tar-rikorrenti kif ukoll il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

Appell ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2011 minn Luigi Marcuccio kontra d-digriet mogħti fit-8 ta' Settembru 2011 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-69/10, Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-616/11 P)

(2012/C 25/124)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italia) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li Qorti Ġenerali jogħġobha:

- **prinċipalment**, tilqa' t-talbiet kollha mitluba fl-ewwel istanza;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tirrimborsa lill-appellant l-ispejjeż inkorsi minn dan tal-aħħar għall-finijiet ta' din l-istanza;
- **sussidjarjament**, tibgħat lura l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, f'kompożizzjoni differenti, sabiex dan jiddeċiedi mill-ġdid fuq il-mertu ta' kull talba msemmija fil-punti preċedenti ta' dawn it-talbiet.

Aggravji u argumenti prinċipali

Dan l-appell huwa dirett kontra d-digriet mogħti fit-8 ta' Settembru 2011 fil-Kawża F-69/10, li jċaħd bħala manifestament infondat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tiegħu għal kumpens għad-dannu inkors minħabba, li skont ma qal, intbagħat lill-avukat tiegħu, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2008, Kawża T-18/04, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, ittra dwar il-ħlas tal-ispejjeż magħmula fil-kuntest ta' din l-istanza u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tirrimborsa d-dannu inkors.

L-appellant jinvoka żewġ aggravji insostenn tat-talbiet tiegħu:

- (1) L-ewwel aggravju bbażat fuq nuqqas assolut ta' motivazzjoni "tat-talbiet għal kumpens" (titolu li jinsab bejn il-punti 21 u

22 tad-digriet appellat), b'mod partikolari minħabba n-natura indeterminata u paradossali tagħhom, in-nuqqas ta' istruzzjonijiet u żnaturament tal-fatti, in-natura apodittika, illoġika, inkonsistenti, mingħajr raġuni, inkorretta, żbaljata u falza tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali dwar it-tnissil ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; tal-kunċett ta' obbligu ta' motivazzjoni impost fuq l-istituzzjonijiet u l-qradi tal-Unjoni Ewropea; tal-kunċett ta' analoġija u ta' aġir illegali min-naħa ta' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

- (2) It-tieni aggravju bbażat fuq in-natura illegali tal-konklużjonijiet tal-qorti tal-ewwel istanza dwar "Spejjeż legali" (titolu li jinsab bejn il-punti 28 u 29 tad-digriet appellat).

Appell ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2011 minn Carlo De Nicola kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-28 ta' Settembru 2011 fil-Kawża F-13/10, De Nicola vs BEI

(Kawża T-618/11 P)

(2012/C 25/125)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Appellat: Il-Bank Ewropew tal-Investment

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla;
- il-miżura tat-23 ta' Settembru 2009 fil-parti li fiha l-Kumitat tal-Appell ċaħad l-appell tiegħu kontra r-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2008, kif ukoll l-atti konnessi;
- ir-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2008 kollu kemm hu;
- il-promozzjonijiet deċiżi fit-18 ta' Marzu 2009;
- tannulla l-atti konnessi, konsegwenti u preċedenti kollha, fosthom il-linji gwida stabbiliti mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani (fl-ewwel istanza, ir-rikorrent naqqas it-talba għal nuqqas ta' applikazzjoni).
- tikkundanna lill-BEI sabiex jikkompensa d-danni morali u materjali subiti, għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża, għall-interessi u għad-dannu kkawżat mill-isvalutazzjoni monetarja fir-rigward tal-kreditu kkonstatat.
- tikkundannah għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Dan l-appell huwa ppreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-28 ta' Settembru 2011, li ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent fl-ewwel istanza, li kellu bħala suġġett, l-ewwel nett, l-annullament tad-deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2009 adottata mill-Kumitat tal-Appell tal-Bank Ewropew tal-Investment, it-tieni nett, l-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2008, it-tielet nett, l-annullament tad-deċiżjonijiet ta' promozzjoni tat-18 ta' Marzu 2009, ir-raba' nett, l-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda ta' promozzjoni u, il-ħames nett, il-kundanna tal-Bank sabiex jikkompensa d-danni morali u materjali li huwa jqis li ssubixxa.

Insostenn tat-talbiet tiegħu, l-appellant isostni:

A. Fuq it-talbiet għal annullament

- (1) l-appellant jikkritika l-fatt li t-TSP kien sostanzjalment naqas milli jagħti deċiżjoni dwar it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell, li ddaħlet fil-fajl personali tiegħu u li tista' taffettwa b'mod negattiv il-karriera futura tiegħu;
- (2) fil-fehma tal-appellant, peress li kkontesta żewġ atti distinti u b'diversi motivazzjonijiet, it-TSP ma jstax leġittimament jirrifjuta li jagħti deċiżjoni, iktar u iktar meta jiġi kkunsidrat li, minn naħa, dan l-istess tribunal dejjem eskluđa l-annullament bħala konsegwenza (dik li tolqot l-atti konnessi, konsegwenti u preċedenti, u madankollu mhux awtonomi, iżda marbuta fil-qrib ma daww iddik-jarati nulli u jew mhux effettivi) u, min-naħa l-oħra, C. De Nicola għandu interess ċar anki għal deċiżjoni ġdida tal-Kumitat tal-Appell; li jiddeċiedi dwar il-mertu, u b'differenza mill-Qorti Ġenerali, jista' anki jissostitwixxi l-evalwazzjoni tiegħu ma' dik tas-superjuri tiegħu.
- (3) fir-rigward tal-kontestazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu, l-appellant jakkuża lit-TSP li, *ex officio*, l-ewwel nett illegalment irrifjuta li jieħu inkunsiderazzjoni d-diversi fastidji dokumentati li huwa kien subixxa matul is-sena u għalhekk, billi dawwar l-oneru tal-prova, naqas milli jagħti deċiżjoni fuq kważi l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu: minn nuqqas ta' evalwazzjoni ta' ċertu xogħlijiet għal għanijiet mhux xierqa, minn nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-ispirtu ta' inizjattiva eċċezzjonali li wera l-mala fide tal-evalwatur tiegħu, eċċ;
- (4) jilmenta wkoll dwar il-motivazzjoni żbaljata, li ta' spiss segwiet l-iżnaturament tat-talba, kif ukoll nuqqas ta' deċiżjoni dwar ir-raġunijiet ta' illegalità tal-"Gwida pratika tar-rapport ta' evalwazzjoni" intiżi għall-possibbiltà ta' promozzjoni ta' "ħbieb" u mhux l-"aħjar" u sabiex jiġi evitat l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali, billi biddel in-natura assoluta tal-evalwazzjoni annwali f'waħda relattiva u mingħajr ma qatt ippreċiża liema huma l-kundizzjonijiet sabiex performance tkun eċċellenti, tajba ħafna, konformi mal-aspettattivi jew insuffiċjenti.

- (5) fl-aħħar nett, l-appellant jilment dwar in-nuqqas ta' indikazzjoni tal-kriterji użati sabiex ġiet interpretata t-talba messqa minnu quddiem il-Kumitat tal-Appell u sabiex jiġi eskluż li, meta kkontesta n-nuqqas ta' promozzjoni tiegħu, ma kellux intenzjoni li jikkontesta biss il-promozzjonijiet deċiżi mill-BEI u dokumentati.

B. Fuq it-talba għal kumpens

- (6) fir-rigward tal-kumpens għad-danni morali u materjali li jirriżultaw mill-aġir illegali tal-Bank, għal darb' oħra C. De Nicola jilmenta dwar id-difiża inammissibili *ex officio* min-naħa tat-TSP, li l-ewwel nett naqqas it-talba fuq il-bażi ta' eċċezzjonijiet mhux proposti mill-BEI, u għalhekk ċaħditha billi referiet għal *litis pendenza* li l-parti kienet irrinunzjat għaliha u li ma teżistix, kif ukoll peress li ma ġietx provata, kif ukoll għaliex mhux prevista mill-prattika u wkoll peress li, jekk kellu jiġi konċess kollox, l-allegata talba li tixxiebah kienet pendenti fuq diversi livelli ta' proċeduri.
- (7) minbarra dan, C. De Nicola jilmenta dwar nuqqas sostanzjali ta' teħid ta' deċiżjoni dwar it-talba ta' applikazzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni previsti mid-dritt nazzjonali tiegħu, u dan kemm minħabba li l-kuntratt ta' xogħol tiegħu huwa rregolat bid-dritt privat u anki peress li, bħala parti kontraenti l-iktar dgħajfa, huwa għandu dritt li jiġi applikati regoli iktar favorevoli lejha.
- (8) Fl-aħħar nett, huwa jilmenta dwar in-natura żbaljata tal-premessa li bbaża fuqha t-TSP, peress li huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta l-aġir illegali tal-prinċipal tiegħu, filwaqt li l-qorti tinsisti li ssib att illegali, billi tippretendi li tapplika għall-kuntratt ta' xogħol tiegħu rregolat mid-dritt privat daww id-dispożizzjonijiet li minflok huma intiżi espressament għall-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2011 — Leopardi Dittajuti vs UASI — Llopart Vilarós (CONTE LEOPARDI DITTAJUTI)

(Kawża T-303/11) ⁽¹⁾

(2012/C 25/126)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 238, 13.08.2011.